



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.1.2015
COM(2015) 16 final

**ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 2
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2015**

**LI JAKKUMPANJA L-PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-KUNSILL LI
JEMENDA R-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE, EURATOM) NRU 1311/2013
TAT-2 TA' DIĊEMBRU 2013 LI JISTABBILIXXI L-QAFAS FINANZJARJU
PLURIENNALI GĦAS-SNIN 2014-2020**

**ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 2
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2015**

**LI JAKKUMPANJA L-PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-KUNSILL LI
JEMENDA R-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE, EURATOM) NRU 1311/2013
TAT-2 TA' DIĊEMBRU 2013 LI JISTABBILIXXI L-QAFAS FINANZJARJU
PLURIENNALI GĦAS-SNIN 2014-2020**

Wara li kkunsidrat:

- it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,
- ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,
- il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015, adottat fis-17 ta' Diċembru 2014²,
- l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2015³, adottat fit-13 ta' Jannar 2015,

Il-Kummissjoni Ewropea hawnhekk qed tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 2 għall-baġit tal-2015.

BIDLIET FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA TAQSIMA B'TAQSIMA

Il-bidliet fid-dikjarazzjoni tad-dħul u n-nefqa taqsima b'taqsima huma disponibbli fuq il-EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm>). Il-verżjoni bl-Ingliż tal-bidliet f'din id-dikjarazzjoni hija mehmūza għall-informazzjoni bħala anness baġitarju.

¹ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

² ĠU L XX, XX.XX.2015, p. X.

³ COM(2015) 11 final tat-13.01.2015.

WERREJ

1.	INTRODUZZJONI	5
2.	TRASFERIMENT TA' IMPENJI MINĦABBA L-ADOZZJONI TARDIVA TA' REGOLI JEW PROGRAMMI SKONT ĠESTJONI KONDIVIŻA.....	5
3.	TALBIET SKONT L-INTESTATURA U PROGRAMMI QFP.....	6
3.1	SUBINTESTATURA 1B - KOEŻJONI EKONOMIKA, SOĊJALI U TERRITORJALI	6
3.2	INTESTATURA 2 – TKABBIR SOSTENIBBLI: RIŻORSI NATURALI.....	7
3.3	INTESTATURA 3 - SIGURTÀ U ĊITTADINANZA.....	8
3.4	INTESTATURA 4 – EWROPA GLOBALI	9
4.	TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP.....	10

1. INTRODUZZJONI

L-abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 2 għall-baġit 2015 huwa ppreżentat flimkien mal-proposta parallela tal-Kummissjoni għal reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għas-snin 2014-2020, skont l-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1311/2013⁴ (ir-Regolament QFP).

Minkejja l-adozzjoni tardiva tal-QFP u l-atti legali tad-diversi Fondi⁵, saru l-isforzi kollha biex jiġi adottat l-akbar numru ta' programmi: 252 programm (39 %) ġew adottati fl-2014 u 93 (14 %) huma eliġibbli għall-adozzjoni fuq approprjazzjonijiet tal-2014 li għandhom jiġu riportati fl-2015. Għat-300 programm li jibqa' (47 %), l-appropriazzjonijiet korrispondenti tal-2014 mhumiex qed jintużaw.

Ir-reviżjoni tal-QFP u l-adozzjoni ta' dan l-ABE Nru 2 huma kundizzjoni neċessarja għall-adozzjoni fl-2015 tal-programmi li ma ġewx adottati u li għalihom l-allokazzjoni tal-2014 ma ġietx użata. L-impenji korrispondenti għandhom għalhekk jiġu programmati mill-ġdid għas-snin sussegwenti. It-28 Stat Membru kollha huma konċernati minn dan l-eżerċizzju ta' programmar mill-ġdid. Adozzjoni rapida tar-reviżjoni tal-QFP u ta' dan l-ABE Nru 2 tevita aktar dewmien fl-adozzjoni tal-programmi u tiżgura implimentazzjoni bla xkiel ta' programmi li jappoġġjaw it-tkabbir u l-impjiegi.

Skont ir-reviżjoni^F tal-QFP propost b'mod separat, l-ABE Nru 2 jipproponi żieda ta' EUR 16 476,4 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn fl-2015 għad-diversi Fondi taħt ġestjoni kondiviża skont is-subintestatura 1b, l-intestatura 2 u l-intestatura 3. ABE Nru 2 jipproponi wkoll żieda ta' EUR 2,5 miljun għall-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) skont l-intestatura 4, biex tinżamm it-trattament simili bejn il-kontribuzzjonijiet mill-intestatura 4 u l-intestatura 1b għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) - il-programmi ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (ETC). Il-proposta skont il-programm hija deskritta fid-dettall fit-taqsima 3 hawn taħt.

Kif spjegat fil-proposta għar-reviżjoni tal-QFP, l-ammonti mhux impenjati fl-2014 u lanqas riportati fl-2015 se jiġu trasferiti għas-snin 2015, 2016 u 2017. Il-proposta tkopri l-bidliet fil-Baġit 2015 u l-bqija tal-ammonti se jiġu riflessi fl-Abbozzi tal-Baġit rispettivi tal-2016 u l-2017.

F'konformità mal-ftehim milħuq dwar il-baġit tal-2014 u tal-2015, li kien jantiċipa xi dewmien fl-approvazzjoni tal-programmi operazzjonali, il-Kummissjoni mhux qed tipproponi xi bidla ta' approprjazzjonijiet ta' pagament.

2. TRASFERIMENT TA' IMPENJI MINĦABBA L-ADOZZJONI TARDIVA TA' REGOLI JEW PROGRAMMI SKONT ĠESTJONI KONDIVIŻA

L-Artikolu 19 tar-Regolament QFP jipprevedi li, fil-każ ta' adozzjoni tardiva ta' regoli jew programmi skont ġestjoni kondiviża, l-allokazzjonijiet mhux użati fl-2014 u lanqas daww riportati, jeħtieġu li jiġu trasferiti għal snin sussegwenti permezz ta' reviżjoni tar-Regolament QFP. Il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament QFP⁶ tiddeskrivi l-kuntest tal-proposta li jista' jiġi mqassar kif ġej:

- Bħala konsegwenza ta' ftehim tardiv dwar ir-Regolament QFP, l-atti legali varji li jistabbilixxu d-dispozzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-fondi ġew adottati ħafna aktar tard milli mistenni oriġinarjament: f'Diċembru 2013 għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond ta' Koeżjoni (FK) u l-Fond Agrikolu

⁴ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

⁵ Il-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment, l-Ażil, il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u l-Fond għas-Sigurtà Interna.

⁶ COM(2015) 15 final tal-20.01.2015.

Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR); kien biss f'Mejju 2014 għall-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (FEMS), il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) u l-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF). Firxa ta' Atti ta' Implimentazzjoni u Atti Delegati ġew sussegwentement adottati matul l-2014 għal kull Fond.

- L-istrateġija tal-Kummissjoni li tniedi djalogu informali dwar id-dokumenti ta' programmar għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (ESIF) mill-2012 kisbet riżultati importanti. L-adozzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija mal-Istati Membri damet għal madwar erba' xhur inqas mill-perjodu ta' programmar preċedenti.
- Madankollu, 300 programm (47 %) ma setgħux jiġu adottati fl-2014 jew jibbenefikaw mill-proċedura għar-riportar tal-appropriazzjonijiet skont l-Artikolu 13 tar-Regolament Finanzjarju⁷.

Bl-emenda proposta għar-Regolament tal-Kunsill dwar il-QFP, l-allokazzjonijiet mhux użati tal-2014 se jiġu ttrasferiti għal snin sussegwenti permezz ta' reviżjoni tal-limitu massimu għal impenji tad-diversi intestaturi. Abbażi ta' dan l-aġġustament tal-limitu massimu, dan l-ABE attwali jitlob l-appropriazzjonijiet għall-impenji meħtieġa fejn hu kkonċernat il-Baġit 2015.

3. TALBIET SKONT L-INTESTATURA U PROGRAMMI QFP

Il-Kummissjoni tipproponi li tittrasferixxi l-biċċa l-kbira tal-allokazzjonijiet mhux użati fl-2014 għas-sena 2015 sabiex iżżomm il-pass ta' investiment għat-tkabbir u l-impjiegi, timminimizza d-differenzi ta' trattament ta' programmi adottati fl-2014 u tiżgura trattament ugwali ma' programmi liema porzjon ta' impenn hu estiż f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti speċifiċi biex jiġu trasferiti għall-2015 huma ddettaljati skont il-linja tal-baġit fit-tabelli ta' hawn taħt:

3.1 Subintestatura 1b - Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali

Il-Kummissjoni tipproponi li tipprogramma mill-ġdid l-allokazzjoni kollha mhux użata fl-2014 għal Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali fl-2015, bl-eċċezzjoni unika tas-subintestatura 1b Kontribuzzjoni għall-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) u tal-Istrument ta' Viċinat (ENI), li se tkun ibbaġitjata mill-ġdid fl-2017. It-twaqqif ta' dawn il-programmi, li l-ebda wieħed ma ġie adottat fl-2014, huwa iktar kumpless u jdum iktar minħabba l-karattru speċifiku tagħhom li jinvolvi l-Istati Membri u pajjiżi kandidati jew tal-viċinat. Iż-żieda korrispondenti fl-appropriazzjonijiet ta' impenn fl-2015 hija ta' EUR 11 172,7 miljun.

⁷ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

Linja Baġitarja	Intestatura	Impenji (EUR)
04 02 60	Fond Soċjali Ewropew – Reġjuni anqas żviluppati – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	880 469 359
04 02 61	Fond Soċjali Ewropew – Reġjuni fi tranżizzjoni – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	386 650 377
04 02 62	Fond Soċjali Ewropew – Reġjuni aktar żviluppati – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	498 837 153
04 02 64	Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ	97 409 219
13 03 60	Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) – Reġjuni anqas żviluppati – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	5 089 205 825
13 03 61	Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) – Reġjuni fi tranżizzjoni – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	1 179 062 699
13 03 62	Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) – Reġjuni aktar żviluppati – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	839 297 478
13 03 63	Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) – Allokazzjoni addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi u sottopopolati – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	65 119 389
13 03 64 01	Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) – Kooperazzjoni territorjali Ewropea	309 951 374
13 04 60	Fond ta' Koeżjoni – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	1 826 702 791
Totali		11 172 705 664

3.2 Intestatura 2 – Tkabbir sostenibbli: Riżorsi Naturali

Għall-Iżvilupp Rurali, il-Kummissjoni tipproponi li titrasferixxi l-allokazzjonijiet li mhux użati fl-2014 għall-2015 u l-2016. It-trasferiment parzjali għall-2016 huwa ġustifikat minħabba r-raġunijiet li ġejjin:

- Il-qafas regolatorju li jipprovdi l-elementi essenzjali neċessarji lill-Istati Membri għat-tħejjija tal-programmi tagħhom ta' Żvilupp Rurali⁸ tlesta biss fit-tieni nofs tal-2014. Barra minn hekk, l-aħħar Regolament li jemenda l-att bażiku wara d-deċiżjonijiet tal-Istati Membri li jittrasferixxu xi ammonti bejn l-għajnuniet diretti u l-iżvilupp rurali⁹, u b'hekk iħalli impatt fuq l-ipprogrammar, daħal fis-seħħ biss fl-aħħar ta' Diċembru 2014.
- Sehem sinifikattiv (madwar 50 %) tal-miżuri b'karattru annwali fil-programm, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, ġie ddebitat fl-2014 fuq impenji tal-programmi 2007-2013, skont ir-regoli

⁸ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 808/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 227, 31.7.2014, p.18).

⁹ Ir-Regolament Delegat (UE) Nru 1378/2014 tal-Kummissjoni tas-17.10.2014 li jemenda l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 367, 23.12.2014, p. 16).

tranzizzjonali¹⁰. Dan ma jagħmilhiex possibbli li jiġu assorbiti bis-sħiħ l-impenji mhux użati tal-2014 fl-2015 biss.

- Meta mqabbla mal-Fondi l-oħra tal-ESI, il-programmi ffinanzjati mill-FAEŻR mhux se jibbenefikaw minn prefinanzjament annwali, li jirriżulta f'ammont oġġla ta' ħlasijiet interim jintalbu fil-limitu tal-iskadenzi ta' diżimpenn.

Iż-żieda korrispondenti fl-appropriazzjonijiet ta' impenn fl-2015 hija ta' EUR 5 093 4 miljun.

Linja Baġitarja	Intestatura	Impenji (EUR)
05 04 60 01	Promozzjoni ta' żvilupp rurali sostenibbli, aktar bilanċjat territorjalment u ambjentalment, settur agrikolu tal-Unjoni aktar favorevoli għall-klima u innovattiv	4 352 663 052
11 06 60	Il-promozzjoni ta' sajd u akkwakultura sostenibbli u kompetittivi, żvilupp territorjali bilanċjat u inklużiv taż-żoni tas-sajd u tisdiq tal-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd	740 724 593
Totali		5 093 387 645

3.3 Intestatura 3 - Sigurtà u Ċittadinanza

Għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) u l-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF), l-allokazzjonijiet mhux użati fl-2014 huma proposti li jiġu trasferiti għas-snin 2015 sa 2017 bi profil digressiv minħabba l-adozzjoni tardiva tal-atti bażiċi relatati u regoli ta' diżimpenn iktar stretti għall-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment. Iż-żieda korrispondenti fl-appropriazzjonijiet ta' impenn fl-2015 hija ta' EUR 210 3 miljun.

¹⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 1310/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet transitorji dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' riżorsi u d-distribuzzjoni tagħhom fir-rigward tas-sena 2014 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward l-applikazzjoni fis-sena 2014 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 865); u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 335/2013 tat-12 ta' April 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1974/2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 105, 13.4.2013, p.1).

Linja Baġitarja	Intestatura	Impenji (EUR)
18 02 01	Fond għas-Sigurtà Interna	
18 02 01 01	Sostenn ta' ġestjoni tal-fruntieri u politika komuni tal-viżi biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu	105 185 354
18 02 01 02	Prevenzjoni u ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera organizzata u mmaniġġar aħjar tar-riskji u l-kriżijiet b'rabta mas-sigurtà	35 887 770
18 03 01	Il-Fond ta' Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni	
18 03 01 01	Tisħiħ u żvilupp tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil u titjib tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabilità bejn l-Istati Membri	27 708 874
18 03 01 02	Sostenn għal migrazzjoni legali lejn l-Unjoni u l-promozzjoni tal-integrazzjoni effikaċi taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u t-tisħiħ ta' strateġiji tar-ritorn ġusti u effikaċi	41 563 311
Totali		210 345 309

3.4 Intestatura 4 – Ewropa Globali

Sabiex jinżammu l-kontribuzzjonijiet mill-intestatura 4 bħala appoġġ għas-sehem ta' pajjiżi kandidati (potenzjali) fil-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) - il-Kooperazzjoni territorjali Ewropea (ETC) ta' programmi transnazzjonali u l-iżgurar ta' trattament simili mal-kontribuzzjonijiet mhux użati tal-2014 tal-Intestatura 1b għall-FEŻR-ETC, il-Kummissjoni ttipponi li jiżiedu l-approprijazzjonijiet ta' impenn tal-IPA II fl-2015 bl-ammont tal-approprijazzjonijiet ta' impenn korrispondenti tal-IPA II - kontribuzzjoni tal-FEŻR - ETC li mhux użata fl-2014. Peress li ma hemm l-ebda programmar mill-ġdid previst għall-intestatura 4 fl-Artikolu 19 tar-Regolament QFP, iż-żieda proposta f'approprijazzjonijiet ta' impenn se tnaqqas il-marġni eżistenti taħt l-intestatura 4, kif xieraq. Iż-żieda korrispondenti fl-approprijazzjonijiet ta' impenn fl-2015 hija ta' EUR 2,5 miljun.

Linja Baġitarja	Intestatura	Impenji (F'EUR)
13 03 64 02	Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali fil-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea KTE tal-FEŻR - Kontribuzzjoni mill-Intestatura 4 (IPA II)	2 480 038
Totali		2 480 038

4. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

Intestatura	Baġit 2015 (inkluż ABE 1/2015)		Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 2/2015		Baġit 2015 (inkluż ABE 1 u 2/2015)	
	CA	PA	CA	PA	CA	PA
1. Tkabbir intelliġenti u inklussiv	66 781 974 020	66 922 960 910	11 172 705 664		77 954 679 684	66 922 960 910
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	<i>83 285 595</i>				<i>83 285 595</i>	
<i>Limitu</i>	<i>77 986 000 000</i>				<i>77 986 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>11287 311 575</i>				<i>114 605 911</i>	
1a Kompetittività għat-tkabbir u l-impjigi	17 551 688 425	15 798 230 894			17 551 688 425	15 798 230 894
<i>Limitu</i>	<i>17 666 000 000</i>				<i>17 666 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>114 311 575</i>				<i>114 311 575</i>	
1b Koeżjoni ekonomika soċjali u territorjali	49 230 285 595	51 124 730 016	11 172 705 664		60 402 991 259	51 124 730 016
<i>Li minnhom skont l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	<i>83 285 595</i>				<i>83 285 595</i>	
<i>Limitu</i>	<i>60 320 000 000</i>				<i>60 320 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>11173 000 000</i>				<i>297 336</i>	
2. Tkabbir Sostenibbli: riżorsi naturali	58 808 572 540	55 998 594 804	5 093 387 645		63 901 960 185	55 998 594 804
<i>Limitu</i>	<i>64 692 000 000</i>				<i>64 692 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>5 883 427 460</i>				<i>790 039 815</i>	
Li minnhom: Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) — Nefqa relatata mas-suq u ħlasijiet diretti	43 455 780 762	43 447 624 585			43 455 780 762	43 447 624 585
<i>Sottolimitu</i>	<i>44 313 000 000</i>				<i>44 313 000 000</i>	
<i>Trasferiment nett bejn il-FAEG u l-FAEŻR</i>	<i>123 215 000</i>				<i>123 215 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>734 004 238</i>				<i>734 004 238</i>	
3. Sigurtà u ċittadinanza	2 146 731 538	1 859 513 795	210 345 309		2 357 076 847	1 859 513 795
<i>Limitu</i>	<i>2 456 000 000</i>				<i>2 456 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>309 268 462</i>				<i>98 923 153</i>	
4. Ewropa Globali	8 408 418 991	7 422 489 907	2 480 038		8 410 899 029	7 422 489 907
<i>Limitu</i>	<i>8 749 000 000</i>				<i>8 749 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>340 581 009</i>				<i>338 100 971</i>	
5. Amministrazzjoni	8 660 469 063	8 658 756 179			8 660 469 063	8 658 756 179
<i>Limitu</i>	<i>9 076 000 000</i>				<i>9 076 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>415 530 937</i>				<i>415 530 937</i>	
Li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	6 941 188 663	6 939 475 799			6 941 188 663	6 939 475 779
<i>Sottolimitu</i>	<i>7 351 000 000</i>				<i>7 351 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>409 811 337</i>				<i>409 811 337</i>	
6. Kumpens						
<i>Limitu</i>						
<i>Marġni</i>						
Totali	144 806 166 152	140 862 315 595	16 478 918 656		161 285 084 808	140 862 315 595
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	<i>83 285 595</i>	<i>11 315 595</i>			<i>83 285 595</i>	<i>11 315 595</i>
<i>Limitu</i>	<i>162 959 000 000</i>	<i>141 901 000 000</i>			<i>162 959 000 000</i>	<i>141 901 000 000</i>
<i>Marġni</i>	<i>18 236 119 443</i>	<i>1 050 000 000</i>			<i>1 757 200 787</i>	<i>1 050 000 000</i>
Strumenti speċjali oħrajn	515 365 000	351 724 968			515 365 000	351 724 968
Total Kumplessiv	145 321 531 152	141 214 040 563	16 478 918 656		161 800 449 808	141 214 040 563

